MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 46**

**It-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 31 ta' Ottubru 2022, fil-14:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI
Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

**46.1 Talba**

46.1.1 Il-laqgħa bdiet fil-14:00 p.m. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

**46.2 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

46.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.


*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

S.Borg

### 46.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti numru 44 u 45

46.3.1 Ġew ippreżentati u approvati il-Minuti numru 44 u 45 li ġew ppreparati u ppreżentati mis-Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Heidi Grech.

### 46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

46.4.1 Attenda għall-attivitajiet ta' Jum Għawdex fiċ-Ċentru Kulturali, Ċittadella fejn ingħata l-premju Gieħ Għawdex. Wieħed minn dawk li rċieva l-premju ta' Gieħ Għawdex kien il-Kavallier Chris Galea. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa u kien hemm qbil unanimu sabiex niktbu lill-Kavallier Chris Galea u nifirħulu għall-ġieħ li ingħata.

46.4.2 Ingħatajna tlett *Pedal Cycles* li jaħdmu b'sistema elettrika u fis-6 ta' Ottubru ġew mwassla l-kunsill mill-kuntrattur Europharma. Il-Kunsill qed jistenna l-linji gwida mir-Reġjun Għawdex dwar il-proċedura ta' kif jitqassmu dawn il-*pedal cycles* liż-żgħazagħ ta' eta bejn is-16 u t-18 -il sena.

46.4.3 Hemm bżonn jitwaqqaf bord sabiex jintremgħu xi affarijiet li huma *obsolete* u jkunu jistgħu jitneħħew mil-lista tal-*fixed assets*. Kien hemm qbil.

46.4.4 Hemm bżonn li tinbidel l-Isticker bl-isem Merħba Fontana li tinsab f'tarf tat-Triq John Gaspard le Merchant għaliex iċċarat ħafna.

46.4.4 Wara li ngħatajna l-permess mill-ERA, l-Kunsill talab lill-Ministeru Għal Għawdex sabiex ningħataw s-servizz ta' ġardinar liċenzjat biex jinżabru żewġ siġar tal-ħarrub li jinsabu fi Triq Alessandro Franchi. Id-Direttur Ġenerali s-Sinjura Vicky Xuereb staqsiet jekk il-ħarrub humiex fil-privat. Is-Sindku rrimarka li s-siġar fil-privat qegħdin imma l-friegħi jinsabu 'l barra u għalħekk dik hi triq Pubblika.

46.4.5 Ġie ffirmat l-Kuntratt għat-twaqqigħ tal-propjeta 189/190 fi Triq il-Għajn, k/ma Triq ta' Mulejja mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv għal-Kunsill u s-Sur Victor Ħili mall-kumpanija Little Rock Quarry Ltd. Jmiss li naqilgħu d-dawl biex ix-xogħol jkun jista jibda. L-applikazzjoni tal-kunsill sabiex issir id-devjazzjoni tal-linji ġiet validata mill-Enemalta imma kif spjega l-Kunsillier Carmel Farruġia, jidher li l-Arms preżentament għandhom is-servizz tal-kuntrattur wieqaf u għalhekk il-Kunsill qabel li nqabbdu l-kuntrattur privatament sabiex isiru t-toqob u t-twaħħil tal-arbli filwaqt li l-arbli jtuhomna mill-Enemalta.

46.4.6 Twaħħlet bandiera mal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/ma Triq ta' Mulejja u wara jumejn sparixxiet. Is-Sindku rrimarka li hemm il-CCTV camera tal-playingfield.

46.4.7 Il-Ġimgħa, 28 ta' Ottubru 2022 attenda għall-Seminar dwar l-Urban Improvement Fund li sar bejn l-AKL u l-Awtorita tal-Ippjanar fil-lukanda Radisson San Ġiljan.

46.4.8 Informa l-membri li baqa fanal wieħed fi Triq is-Sajjieda li baqa ma sarx u għalhekk ninfurmawh li jekk jibqa ma jsirx fi żmien xahar, il-kunsill se jsib lil ħaddieħor sabiex ix-xogħol isir.

46.4.9 Nżammet laqgħa mall-Pulizija tal-Kommunita' fejn ġew diskussi diversi punti fosthom il-gallarija depilattiva li tinsab fil-bidu ta' Triq il-Għajn u li minn permess għal xogħolijiet li nħareġ mill-kunsill, jidher li se titneħħa. Kienu jsiru l-laqgħat kull xahar u qatt ma ġejna nfurmati li l-Pulizija tal-Kommunita' ma kienux jkunu fil-lokalitjiet għaliex kienu assenjati f'Marsalforn u x-Xlendi. F'din il-laqgħa nfurmawna li reġgħu ġew assenjati fil-lokalitajiet.

46.4.10 Ħarġet l-offerta għall-akkwist ta' bankijiet li se tagħlaq għada għat-toroq Kardinal Alessandro Franchi u John Gaspard le Merchant.

46.4.11 Is-Sindku ssuġġerixxa u kien hemm qbil li hemm bżonn li jsir tisbiħ tas-Sala tal-Kommunita' sabiex tkun lesta sa Jum il-Fontana 2023. Kien hemm qbil li nitolbu s-servizz tas-Sur Pawlu Stellini sabiex jsir disinn professjonali;

46.4.12 Qed jiġu miksija mill-ġdid is-siġġijiet tal-mejda li tinsab fis-sala tal-Kommunita'.

46.4.13 Fil-11ta' Ottubru 2022 Med Developers, Designers and Cosultants attendew sabiex jirrapreżentaw lill-Kunsill għas-seduta tal-Awtorita' tal-Ippjanar fejn instemat l-applikazzjoni numru PA04694/21 – *Site at Triq Wied Siekel c/w alley between Trejqet ix-Xagħri, Triq tal-Għajn, Fontana.*

46.4.14 Is-Sindku semma li hemm bżonn li jinbidlu s-sistema tal-floodlights tal-knisja li saru fl-2015 b'fondi tal-ewropa li kienu għal Għawdex u li ma tantx irnexxew minkejja li tneħħew li kien għamel il-kunsill snin qabel. Dan għaliex qed jitfgħu d-dawl l-fuq. Għalhekk ninfurmaw lil Inġ. Galea Curmi sabiex jagħmel rapport ta' sistema aktar addattata.

46.4.15 Is-Sindku nforma lill-membri li ġew mibdula l-koxox tal-bieb tat-toilets tas-sala tal-Komunita'.

46.4.16 Niktbu ittra lis-Sur Jason Debrincat dwar il-bramel taż-żibel li mhux jingħalqu u jitħallew bil-bibien iperpru u dan huwa kollu traskuraġni. Issemma wkoll li bramel qed jitħallew imfawwrin u mhux jitbattlu kull meta jkun hemm il-ġbir tal-borża s-sewda. Għalhekk il-kunsill qabel li għandna niktbulhu bil-miktub sabiex dawn in-nuqqasijiet jiġu ndirizzati.

46.4.17 Is-Sindku rrimarka li qed isir xogħol ta' kostruzzjoni mill-Ministeru Għal Għawdex, fi Triq Mons Mikiel Buttiġieġ mingħajr ma l-kunsill ġie nfurmat, b'konsegwenza li ma nkunux f'pożizzjoni li nwieġbu l-mistoqsijiet tar-residenti. Dan



S. Boy

minbarra li lanqas il-permessi meħtieġa ma saru. Il-Kunsillier Horace Micallef informa lill-membri li l-parti tat-triq imħarbta qeda titqaxxar u se tiġi livellata.

### 46.5 Rapport ta' Evalwazzjoni – '*Tender for the Supply of a Full Elecric Van for Fontana Local Council.*'

46.5.1 Is-Segretarja ppreżentat r-rapport ta' Evalwazzjoni għall-akkwist ta' Van elettrika li jirrakomanda sabiex l-offerta tingħata lil Michael Attard Imports Ltd għall-prezz ta' €41,974.82 (VAT eskluż). Il-Kunsill unanimament approva r-rekomandazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni.

### 46.6 Sitwazzjoni dwar l-izgumbrament tal-fond 189/190 fi Triq il-Għajn k/m Triq ta' Mulejja

46.6.1 Fl-10ta' Ottubru 2022 ċemplilna s-Chief Officer mill-Awtorita tal-Artijiet, s-Sur Martin Bajada u nfurma lis-Sindku li ser jiġu l-Erbgħa 12ta' Ottubru 22 fejn ġew flimkien ma żewġ puluzija u lill-isquatter tawh sal-aħħar ta' Ottubru 2022 biex joħroġ mill-fond. Fis-27ta' Ottubru reġa ġie s-Sur Bajada u nfurmana li l-fond issa huwa battal. Madanakollu, talabna sabiex niktbulu formalment sabiex jibgħatilna ċ-ċavetta flimkien mal-applikazzjoni għal bdil tas-sidien tal-meters tad-dawl u tal-ilma.

Is-Sindku rrimarka li l-kuntratt għat-twaqqigħ mal-Little Rock Quarry Ltd ġie ffirmat fl-istess ġurnata. Żid jgħid li fi Frar kien iltaqa mal-Perit Gordon Vella u mal-perit li qed jgħinu u kien hemm ftehim li l-BOQ għall-bini se jkunu lesti sal-bidu ta' Ġunju u sa issa għadu mhux lest. Għaddew ħames xhur u qed jinħela ħafna ħin. Għalhekk ntuħ ftit żmien ieħor u filkas jinbidel il-Perit. Nfakkruh biex ma jinsiex li jrid jagħmel in-niċċa mal-faċċata li kien fiha l-istatwa tal-Madonna tal-Lourdes.

### 46.7 Ħruġ u għoti ta' Offerti

46.7.1 Kien hemm qbil li l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerta ta' akkwist ta' bankijiet għandu jkun kompost kif ġej:

Opening Staff – S-Sur Horace Micallef u s-Sinjura Miriam Muscat
Evaluators – S-Sur Jonathon Ċefai, s-Sur Carmel Farruġia u s-Sindku, s-Sur Saviour Borg
Chairperson – S-Sur William Sultana
Segretarju – S-Sinjura Heidi Grech

46.7.2 Kien hemm qbil ukoll li l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerti għall-akkwist tal-fanali kif ukoll għall-xogħol ta' tisbiħ tal-playingfield għandu jkun kompost kif ġej:

Opening Staff – S-Sur Horace Micallef u s-Sinjura Miriam Muscat
Evaluators – S-Sur Jonathon Ċefai, s-Sur Carmel Farrugia u s-Sindku, s-Sur Saviour Borg.

Chairperson – S-Sur William Sultana

Segretarju – S-Sinjura Heidi Grech

**46.8 Offerti għall-akkwist ta' Podium u servizz ta' *Pest Control.***

46.8.1 Is-Segretarja ppreżentat tlett kwotazzjonijiet għall-akkwist ta' Podium.

1- Skyline plastics - €820.10 (Vat inkluż)
2- Gozo Creations - € 1,300 (Vat eskluż)
3- Skyline plastics - €1168.20 (Vat inkluż)

Kien hemm qbil li l-podium jinxtara mingħand Skyline plastics għall-prezz ta' €820.10 (Vat inkluż). Ma dan l-ammont jkun irid jinżied l-ispejjeż relatati mal-ktiba tal-isem u l-arma tal-kunsill.

46.8.2 Is-Segretarja ppreżenta tlett kwotazzjonijiet għall-servizzi ta' Pest Control fis-sala tal-kommunita.

1- Eradic8gozo - €130.00 (Vat eskluż)
2- Comtec pest Control - €95.00 (Vat eskluż)
3- GDL Trading & Services Ltd – €160 (Vat inkluż)

Kien hemm qbil li l-offerta tingħata lill-kumpanija Eradic8gozo. Dan minħabba li l-irħas offerta kien qed jitlob li jinqala l-frame tal-bieb qabel ma jsir ix-xogħol, xi ħaġa li l-kunsill ma jistax jagħmel.

**46.9 Jum il-Fontana**

46.9.1 Nippreparaw il-Programm għal Jum il-Fontana se jaħbat il-Ħamis, 1 ta' Diċembru 2022 biex sal-20 ta' Novembru 2022 jkun lest sabiex jitqassam f'dik il-ġimgħa. Is-Sindku ppropona li Ġieh il-Fontana jingħata lis-Sur Jacob Portelli, li jdoqq l-Arpa u huwa wkoll membru f' Cordia String Quartet. Kien hemm qbil unanimu sabiex Ġieh il-Fontana jingħata lis-Sur Portelli peress li għamel unur lill-Fontana kemm f'Għawdex kif ukoll f'Malta.

**46.10 Rapport Finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena 2022**

46.10.1 Is-Segretarja ppreżentat rapport finanzjarju għat-tielet kwart tas-sena. Ir-rapport ġie approvat u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**46.11 Bye-Law – Użu tal-faċilitajiet**

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li d-dokument tal-Bye-Law ġie ffinalizzat u intbagħat lill-avukat Dr. Chris Said għall-verifika min-naħa tiegħu. Ġie diskussa l-miżata għall-użu tas-sala tal-Kommunita' għal skop ta' taħriġ edukattiv, rikrejattiv jew sportiv fejn l-ammont ta' €25 huwa ftit. Għalhekk, ġie deċiż li din il-Bye-Law terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.



S.Boy

**46.12 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti**

46.12.1 Korrispondenza mingħand il-Gozo Tourism Association dwar il-Gozo Tourism Awards 2022 fejn infurmawna li n-nomini għal dan l-award jiġu milqugħa sat-30 ta' Diċembru 2022.

46.12.2 Korrispondenza mingħand l-Active Ageing Unit dwar il-Kampanja Ngħidu Le għall-Puplesija, fejn ġejna nfurmati bit-dati u post fejn se jkunu qed jiġu offruti testijiet b'xejn għal-anzjani f'Għawdex. Din l-informazzjoni ġiet ċirkulata fuq il-facebook tal-Kunsill.

46.12.3 Korrispondenza mingħand it-tim ta' produzzjoni tal-programm televiżiv POPOLIN, fejn il-Kunsill ġie mistieden jinnomina żewġ persuni mil-lokalita' li għandhom xi storja nteressanti, kisbu 4kisbiet notevoli, għandhom xi passatemp partikolari jew taw kontribut lill-komunita'.

46.12.4 Korrispondenza mingħand l-Active Ageing Unit dwar sezzjonijiet ta' taħriġ bla ħlas għall-anzjani li se jsiru ġewwa l-Kunsill lokali ta' Sannat.

46.12.5 Korrispondenza mingħand BCRS Malta ltd, fejn nfurmawna li l-iskema tar-rifuzjoni tax-xorb se tibda fl-14ta' Novembru 2022 ir-Reverse vending machines se jiġu nstallati madwar Malta u Għawdex.

46.12.6 Korrispondenza mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-Fun Run li se ssir fl-20ta' Novembru 2022.

46.12.7 Korrispondenza mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali, s-Sur Mario Fava dwar il-laqgħa plenarja li se ssir ġewwa Għawdex bejn il-25 u s-26ta' Novembru 2022. F'din il-laqgħa se jiġu diskussi diversi temi li jkunu ħarġu mill-proċess ta' konsultazzjoni imniedi mis-Segretarjat tas-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali, dwar kif dawn il-proposti jistgħu jiġu mwettqa.

46.12.8 Talba mingħand il-Kummissjoni żgħażagħ sabiex jużaw iz-zuntier, trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali, wara l-knisja u l-bandli sabiex itellgħu ir-raba edizzjoni tal-Milied fl-Għejjun marbut mal-festa tal-Milied. Il-Kunsill qabel.

46.12.9 Cirkulari SPI/SCI/10/2022 – Espressjoni ta' Interess – Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex li għaliha se jkunu qed japplika r-Reġjun Għawdex.



S.Boy

46.12.10 Korrispondenza mibgħuta mill-Perit Micallef fejn il-Kunsill qed jiġi mitlub jibgħat in-'no objection' sabiex tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja dwar il-PA7983/21 relatat ma fond f'sit fi Trejqet wara l-Idjar Fontana. Ġejna nfurmati li ma sar l-ebda ħsara lill-bankina jew lit-triq u dan ġie vverifikat minni u mis-Sindku wara li morna fuq il-post.

46.12.11 Stedina mir-Reġjun Għawdex sabiex nattendu għall-Konċelebrazzjoni Pontifikali fl-okkażjoni ta' Jum il-Festa ta' Sant Ursola li saret il-Ħadd, 23ta' Ottubru 2022 ġewwa l-Katidral ta' Għawdex. Stedina oħra mir-Reġjun Għawdex sabiex nattendu għaċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Għawdex li saret fit-28ta' Ottubru 2022.

46.12.12 Komunikazzjoni ma' Dr. Deborah Camilleri minn TM dwar laqgħa li nżammet bejn l-Avukata ta' TM u l-Perit tal-Kunsill Toni Bezzina sabiex jiġi diskuss x'qed jiġi mitlub sabiex Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali u wara l-knisja ssir żona Pedonali. Ġie deċiż li sabiex dan jkun jista jsir, irid isir żblokk fiżiku sabiex l-vetturi ma jkunux jistgħu jaċċessaw iż-zona. Hemm bżonn 14-il bollard jew boċċi ta' żewġ piedi dijametru. Jrid ikun hemm bejn 1.5 u 1.75metru distanza bejn kull waħda.

46.12.13 Ressaqna t-talba tagħna lis-Sur Enzo Cachia mill-Planning Authority sabiex naraw jekk nistgħux nutilizzaw il-fondi tal- Urban Development Fund għar-restawr tal-istatwi.

46.12.14 Bħal ma ġie maqbul fil-laqgħa numru 44, ressaqna t-talba lid-Direttur ta' TM s-Sur Ivan Pierre Vella sabiex naraw il-possibilta li il-korozza tal-linja b'numru TD30 jkollha waqfa waħda fil-Fontana. Id-Direttur wieġeb li bħalissa din ir-rotta hija sospiża pero se jressaq din it-talba għal konsiderazzjoni meta terġa tibda topera.

46.12.15 Korrispondenza mingħand il-Kummissarju ta kontra l-Vjolenza Domestika, fejn ġejna nfurmati li bejn il-25ta' Novembru u l-10ta' Diċembru se jkunu qegħdin jpoġġu tabella 'Stop Violence'fil-lokalita tal-Fontana.

46.12.16 Korrispondenza mingħand il-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar il-festin għat-tfal ta' membri eletti, Segretarji Eżekuttivi u ħaddiema, fejn r-reġistrazzjonijiet jagħlqu it-Tnejn, 21ta' Novembru 2022.

46.12.17 Kwotazzjoni mingħand Infinite Fusion dwar is-servizz ta' video on demand kif ukoll l-kera ta' 360 *conference camera* għal tlett snin għal prezz ta' 1,500 Ewro fis-sena eskluż il-VAT. Il-Kunsill ma jaqbilx li

nħallsu għal servizz minn quddiem imma jitħallas kull xahar għal servizz li jkun ingħata.

46.12.18 Is-Segretarju Ezekuttiv ressqet il-PA numri PA/04436/22 u PA/06081/22.

46.12.19 Ittra mingħand il-Kumitat Olimpiku Malti fejn infurmawna li ser jerġa jiġi organizzat l-MOC Sports Awards f' Diċembru 2022 fejn se jingħata rikonoxximent lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta' l-akbar kontribut lill-isport Malti fil-lokalita tiegħu matul is-sena 2022.

46.12.20 Ittra mingħand Moviment Kerygma li se jorganizza l-Premju Żagħżugħ Kristjan tas-Sena. Irċevejna l-formola ta' Applikazzjoni biex ninnominaw xi żagħżugħ jew żagħżugħa li taħsbu li jikkwalifikaw u jimmerithom jkunu nnominati għal dan il-premju. L-applikazzjoni jintlaqgħu sat-Tnejn, 21ta' Novembru 2022.

46.12.21 Direttiva numru 1/2022 dwar proċedura ġdida dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali u Reġjonali. L-applikazzjonijiet għal-sittax il-post vakanti infetħu 21ta' Ottubru u jagħlqu fl-4ta' Novembru 2022.

46.12.22 *Grant Scheme for the Implementation of Active Mobility and Citizen Engagement Measures* , skema ta Transport Malta sabiex jinkoraġixxu l-użu ta' transport sostennibli. L-applikazzjoni tagħlaq fl-20ta' Novembru 2022.

46.12.23 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-membri li ltaqat mad-Direttur tal-Kultura u s-Sur George Mercieca u ġie deċiż li t-totem display ser jitpoġġa fuq iż-żuntier. Id-dati l-ġodda tal esebizzjoni ġew ikkomunikati magħna li huma mis-27ta' Frar sat-13ta' Marzu 2023.

46.12.24 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat talba għal-permess mingħand l-Għaqda Armar, s-Sur Frankie Camilleri sabiex ssir attivita' *'Meet Santa Claus for Children'* . Din l-attivita' se ssir fuq iz-Zuntier u l-madwar fejn il-karozzin jieħu l-Father Christmas minn Triq ta' Mulejja u Trejqet iċ-Ċentru Parrokjali. Qed jissuġġerixxu li ma jitħallewx karozzi jipparkjaw fi Triq ta' Mulejja għal matul din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

46.12.25 Fit-18ta' Ottubru 2022, nżammet il-laqgħa ta' kull xahar mal-Pulizija tal-Kommunita' fejn ġew diskussi diversi punti fosthom il-bżonn li jsir kuntatt ma' sid ir-raba ta' fejn hemm is-siġar tal-ħarrub

46.12.26 Waslu tlett roti li jaħdmu b'sistema elettrika li l-guidelines fuq hiex nimxu se jkunu qed jintbatu lilna mir-reġjun Għawdex.

46.12.27 Referenza għaċ-Ċirkulari AKL 2022/096 – Rota_Bicycle Racks li fuqha kien hemm qbil sabiex napplikaw għal *bicycle rack*. Minħabba li l-post



KUNSILL LOKALI FONTANA

magħżul kien dak ta' wara l-knisja li hija l-istess żona li se tkun qed issir żona pedonali ma jistax jintuża l-istess post sabiex isiru l-*bicycle racks*.

46.12.28 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat reżoluzzjoni sabiex jingħalaq il-kont bankarju tal-Bank of Valletta b'numru 12414832043 li bħalissa huwa *dormant* u l-bilanċ ta'€586.51 jiġu trasferiti fil-kont bankarju ta' tfaddil *(Savings)* tal-Bank of Valletta bin-numru 12414832014.

46.12.29 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-membri li saret komunikazzjoni mal-kumpanija GO plc sabiex titneħħa l-*cardphone box* li tinsab fuq il-bankina, fil-kantuniera mal-istess fond. Dan sabiex tiġi evitata li ssir ħsara. Għandha ssir *site visit* flimkien mal-uffiċċjali tal-Go plc sabiex temporanjament jinstab post alternattiv.

46.12.30 Talba sabiex il-Kunsill jagħti n-no objection għall-festa ta' Sant Indrija li se ssir il-Ħadd, 27ta' Novembru 2022. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

46.12.31 Talba mingħand resident li joqgħod fi Triq Għajn Tuta sabiex issir rampa quddiem il-garaxx, kif ukoll talba oħra mingħand resident li joqgħod fi Triq Alessandro Franchi sabiex issir bankina quddiem il-propjeta tiegħu. Il-Kunsill qabel.

46.12.32 Talba mingħand resident sabiex jinżebħu l-linji sofor (double yellow lines) madwar il-parkeġġ ta' quddiem il-garaxx tagħhom. Dan sabiex ikun jista joħroġ lil missieru li huwa diżabli u qed isibha diffiċli li jagħmel dan minħabba li qed jsib karozzi pparkjati u l-van ma tkunx tista tgħaddi. Il-kunsillier Horace Micallef staqsa x'jixtieq eżatt li jsir pero' l-ilment kif kien miktub ma kienx spjegat tajjeb u s-Segretarja nfurmatu li se tkun qed tagħmel kuntatt mar-resident ħalli tifhem it-talba eżatt x'inhi u terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

46.12.33 Korrispondenza mingħand id-*Directorate for Learning and Assessment Programmes* dwar it-8 edizzjoni tal-Junior Science Club li se jkun qed isir fi ħdax il-lokalita fosthom fir-Rabat u l-Għarb, f'Għawdex.

46.12.34 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li hemm bżonn li jsir korrezzjoni fl-ammonti totali fi skeda ta' pagamenti numri 27/2021 u 30/2022 minħabba żball matematiku li wassal għall-varjazzjoni fl-ammont miktub fl-iskeda ma dak fil-minuti.

Skeda 27/2021 li kienet approvata fil-laqgħa numru 34.

L-ammont jrid ikun €6456.84 u mhux €4486.65

Skeda 30/22 li kienet approvata fil-laqgħa numru 27.

L-ammont jrid ikun €20997.52 u mhux €16538.10



S.Boy

46.12.35 Is-Sindku qal li għandna nirringrazzjaw lis-Sinjura Catherine Fenech li taħdem fid-Dipartiment tal-Artijiet tal-ġenwinita tagħha fuq din id-devoluzzjoni. Is-Sindku diġa irringrazzjha personalment u talabha sabiex jekk hu possibli, t-tlett kirjiet li l-kunsill għandu fuq dan il-fond taċ-Ċentru Ċiviku jingħaqdu f'waħda. Il-Kunsill se jkun qiegħed jagħmel it-talba lis-Sinjura Fenech b'mod formali.

**46.13 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.**

Il-Viċi Sindku staqsiet fejn wasal il-proċess fuq it-talba li kienet saret għal rampa quddiem garaxx ta' propjeta numru 268, Triq tal-Għajn Fontana. Is-Segretarja nfurmat lill-Viċi Sindku li se tkun qed tibgħat it-talba l-Ministeru Għal Għawdex.

**46.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 36/2022 għal perjodu ta' bejn id-30ta' Settembru 2022 u l-31 ta' Ottubru 2022 li tammonta għal €14,687.40 ġiet approvata u ffirmata.

**46.15 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-16.15pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022 fil-17.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

KUNSILL LOKALI FONTANA

Konfermati, llum it-Tlieta, 22 ta' Novembru 2022

Saviour Borg
Sindku

Heidi Grech
Segretarju Eżekuttiv